MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 109/2001/1

Silvana mart Vincent Debrincat minnu "de jure" separata f'isimha u ghan-nom u bhala legittima rapprezentanti ta' binthom minuri, Kimberly Debrincat .

vs

Vincent Debrincat

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici proprio et nomine, wara li ppremettiet :

Illi b'kuntratt tas-separazzjoni personali "a mensa et thoro" tal-ghaxra (10) ta' Marzu 1998 (atti Nutar Michael Dingli), hawn esebit bhala Dokument "A", il-konvenut obbliga ruhu, "interalia", li - ***jghaddi lil martu ghaxar liri maltin fix-xahar bhala manteniment ghaliha u ghoxrin lira maltija fix-xahar bhala manteniment ghal bihthom komuni u cioe' l-minuri Kimberly Debrincat liema***

***ammonti jigu riveduti kull sena u dan skond ir-rata ta' inflazzjoni" ;***

Illi mid-data tal-istess kuntratt, l-istess ammont ta' manteniment li jithalas fix-xahar f'Ghawdex kemm lill-attrici kif ukoll lil bintha minuri, Kimberly Debrincat qatt ma gie rivedut u fil-fatt ic-cirkostanzi finanzjarji u familjari tal-partijiet inbidlu b'mod li r-retta alimentari stabbilita dak inhar tal-kuntratt hija wahda li mhux biss taghmel ghajb ghaz-zmenijiet tal-lum, imma wkoll tenut kont il-pozizzjoni finanzjarja tajba tal-istess konvenut u minn naha l-ohra l-pozizzjoni finanzjarja hazina tal-istess attrici, hemm lok, ghalhekk, li l-istess retta alimentari pagabbli lill-istess attrici u lil binthom minuri, Kimberly tigi awmentata, aktar u aktar meta binthom, Kimberly tbati minn allergija akkuta u l-hin kollu jkollha bzonn tal-ghajnuna medika u spejjez f'medicinali .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u ghal ohrajn li jingiebu waqt it-trattazzjoni tal-istess kawza, tawmenta r-retta alimentari dovuta lill-istess attrici u lil binthom minuri, Kimberly Debrincat .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici proprio et nomine ikkonfermata bil-gurament taghha .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija nulla u rrita ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-konvenut ghandu l-unika residenza tieghu Malta fejn fil-fatt gie notifikat bic-citazzjoni odjerna .
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza .

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat il-verbal taghha tat-8 ta' April 2003 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar il-'privilegium fori' .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eccezzjoni .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :
Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari tieghu il-konvenut qed jinvoka l-'privilegium fori' u cioe' d-dritt jew ahjar beneficcju li jigi mharrek f'Qorti partiklari . In sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu jaghmel referenza ghall-artikoli 741© u 767 tal-Kap. 12 . L-artiklu 741©. jittratta l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' xi Qorti meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari . L-artikolu 767 imbaghad jaghti l-beneficcju lil persuni li jkunu joqoghdu fil-gzira ta' Malta li jigu mharrka f'dik il-gzira, u lil dawk li joqghodu f'Ghawdex rigward il-Qorti ta' din il-gzira .

Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mir-riferta pozittiva dwar in-notifika tal-konvenut b'din ic-citazzjoni, illi huwa jirrisjedi fil-gzira ta' Malta, precizament fl-indirizz : "Woodstock Flats, Flat 2, Triq is-Sajjieda, Bugibba, Malta"[1], u ghalhekk *prima facie* jidher illi l-konvenut ghandu ragun iqajjem din l-eccezzjoni gialardarba gie imharrka fil-Qorti ta' din il-gzira u mhux f'dik ta' fejn titqies li hija r-residenza tieghu .

Imma l-Qorti ma tistghax tieqaf hawn u dan jirrikonoxxieh l-istess konvenut, ghax importanti ferm ghas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tinghata

[1] Ara wkoll il-pink card a fol. 3 tal-process .

wahda mill-eccezzjonijiet ghal din ir-regola rilevanti ghall-kaz in ezami . Infatti dan l-istess artikolu jghid illi : "**l-'privilegium fori' jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari**" .

Minn dak li rrizulta s'issa, fil-kaz prezenti nsibu illi l-attrici proprio et nomine qed titlob lil-Qorti tirrevedi r-retta alimentari pagabbli mill-konvenut ghaliha u ghal bintha minuri, a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali maghmul bejn il-partijiet[2] . Huwa minnu illi dan il-kuntratt gie pubblikat fil-gzira ta' Malta, wara awtorizzazzjoni migjuba mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili f'Malta . Huwa minnu wkoll illi dakinhar li sar il-kuntratt il-kontendenti kienu kollha jirrisjedu f''Malta[3] . Imma l-attrici proprio et nomine tikkontendi illi gialadarba l-hlas tal-manteniment ghaliha u ghal bintha minuri, meta giet intavolata din il-kawza, kien qed isir mill-konvenut permezz ta' cheque li kien jibghatilha f'Ghawdex[4], kienet din il-Qorti kompetenti tiehu konjizzjoni tat-talbiet taghha . Barra minn hekk tikkontendi wkoll illi peress illi l-Qorti t'Ghawdex fil-gurisdizzjoni volontarja taghha kienet gia qed tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet ta' access tal-minuri u l-obbligu tal-hlas tal-manteniment kien intrinsikament marbut ma' dan l-access, ma kienx jaghmel sens illi dawn il-kwistjonijiet jinfirdu, u l-kwistjoni dwar ir-revizjoni tal-manteniment tintbghat biex tigi deciza f'Malta .

Fid-duttrina legali nsibu jinghad illi :

"*Foro per le cause relative a diritti di obbligazione e' quello del luogo in cui e' sorta o deve eseguirsi l-obbligazione dedotta in giudizio.*"[5]

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom dwar din l-eccezzjoni tal-'privilegium fori', u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi

---

[2] ara kuntratt in atti Nutar Michel Dingli ta' l-10.3.1998 a fol. 7
[3] ara kopja ta' l-estratt mir-Registru Elettorali ta' Ottubru 1998 u fotokopja tal-karta ta' l-Identita' ta' l-attrici annessi ma' Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenut; dokti. VD. 1 u VD. 2 a fol. 44, 45 .
[4] ara xhieda tal-konvenut tal-22.10.02 a fol. 21
[5] Salvatore Sotto : Diritto Processuale Civile, pag. 17

hadd residenti Malta jigi mharrek quddiemha . Dejjem pero’ gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju tal-konvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwara obbligazjoni li kellha titwettaq fi gzira partikolari, fil-kaz taghna f’Ghawdex (ara f’dan ir-rigward: Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw : 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima : 12.2.92; u cit. 6/1996 : “Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited” moghtija fit-22 ta’ April 1997 u kkonfermata fl-Appell) .

Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi t-talba unika ta’ l-attrici tirrigwarda l-awment illi trid li jsir ta’ l-alimenti pagabbli mill-konvenut a tenur tal-kuntratt ta’ separazzjoni maghmul bejniethom . Ghalkemm dan il-kuntratt ma jsemmi xejn dwar fejn kellu jithallas il-manteniment pagabbli lill-attrici ghaliha u ghal bintha minuri, jidher illi dan fil-bidu kien qed jithallas f’Malta fejn dak iz-zmien kienet qed tabita l-attrici flimkien mal-minuri . Imma minn meta din giet tghix Ghawdex, *ex admissis* il-hlas kien qed isir permezz ta’ *cheque* li l-konvenut kien jibghatilha regolarment fl-indirizz taghha hawn Ghawdex . Qatt ma sab ebda diffikolta’ biex jaghmel hekk u ghalhekk tacitament jidher illi rrinunzja ghall-privilegg illi altrimenti kienet taghtih il-ligi sabiex bhala residenti Malta jigi mharrek hemm .

Ghaldaqstant f’dawn ic-cirkostanzi, fejn l-obbligu ghall-hlas tal-manteniment li ghandu jaghmel il-konvenut irid necessarjament jitqies bhala l-bazi ewlenija tal-kawza prezenti u dan l-obbligu meta saret il-kawza prezenti kien qed jitwettaq fil-gzira ta’ Ghawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l-‘privilegium fori’ tal-konvenut .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, billi tichad l-istess eccezzjoni u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------